**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR202182** **05.11.2020**

**STQARRIJA MILL-MINISTERU FL-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

***Is-sostenibbiltà ekonomika lokali bi spinta 'l quddiem. Jibda l-proċess tal-integrazzjoni tal-miri globali tal-Iżvilupp Sostenibbli 2030 fil-Baġit 2021***

Il-miri internazzjonali tal-Iżvilupp Sostenibbli 2030 qegħdin jiġu integrati b'suċċess fil-proċess tal-Baġit Nazzjonali. Dan qalu l-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru Carmelo Abela, responsabbli fost l-oħrajn mill-iżvilupp sostenibbli, waqt diskussjoni pubblika online organizzata mill-MEUSAC f'ġimgħa ta' attivitajiet biex tippromwovi s-servizzi tagħha u tqarreb aktar liċ-ċittadini lejn l-Unjoni Ewropea. F'din id-diskussjoni pparteċipat ukoll il-membru Parlamentari Dr Miriam Dalli.

It-tema tad-diskussjoni kienet 'Lejn Ekonomija Sostenibbli', li ffukat fuq il-bilanċ sostenibbli bejn l-ekonomija u l-ambjent, b'enfasi fuq il-Patt Ekoloġiku Ewropew, maħsub biex jixpruna l-qawmien fl-ekonomija b'investimenti sostenibbli, waqt li fl-istess ħin iwassal lill-Ewropa biex tkun l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sas-sena 2050. Ġew diskussi wkoll l-effetti tal-pandemija fuq l-ekonomija u s-soċjetà u kif il-pjan ta' rkupru 'Next Generation EU' tal-Unjoni Ewropea jista' jgħin fit-tranżizzjoni ekoloġika u fir-reżiljenza tal-ekonomiji.

Fl-interventi tiegħu, il-Ministru Abela fakkar l-impenn tal-gvern Malti biex jintegra l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli fil-miżuri tal-baġit, li kienu mħabbra f'Settembru tal-2019. Qal kif, minn dakinhar 'il hawn, il-gvern baqa' jaħdem fuq dan il-proċess biex jassigura li l-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tiġi tradotta fil-proċess tal-baġit nazzjonali. Huwa semma kif din is-sena l-baġit fih 377-il miżura, li huma mifruxa fuq diversi setturi. Dawn il-miżuri ġew integrati mal-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli hekk kif stipulati fil-Viżjoni ta' Malta għall-Iżvilupp Sostenibbli għall-2050, kif ukoll mal-SDGs, għanijiet maqbula min-Nazzjonijiet Magħquda li Malta, mal-pajjiżi l-oħrajn, trid timplimenta sal-2030.

Qal kif din is-sena l-baġit iffoka b'mod partikolari fuq l-ambjent, hekk kif pajjiżna jkompli jimxi lejn tranżizzjoni ekoloġika u l-ekonomija l-ħadra. Żied jgħid li dan ifisser illi l-iżvilupp ekonomiku u ambjentali ser ikomplu jimxu flimkien. Infatti, 26% tal-miżuri mħabbra din is-sena huma miżuri ambjentali, filwaqt li 25% tal-miżuri jindirizzaw l-iżvilupp ekonomiku. Fid-diskors tiegħu, huwa għamel referenza għal-irwol vitali tal-imsieħba soċjali, tas-settur privat u s-soċjetà ċivili. Ħeġġiġhom sabiex jagħtu l-kontribut tagħhom biex jitfassal u jintlaħaq żvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentalment sostenibbli.

Fil-konklużjoni tiegħu, huwa qal li "rridu li l-ekonomija u l-ambjent jimxu flimkien, ħalli filwaqt li noħolqu opportunitajiet ġodda ta' xogħol, dan ikun xogħol aktar nadif li jkun ta' ġid kemm għall-ħaddiema, għal min iħaddem u għall-pajjiż. F'dan kollu, huwa importanti li nsaħħu



**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700**

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

l-edukazzjoni u l-għarfien dwar din l-isfida u li nkunu lesti li nbiddlu l-mentalità fejn dan huwa meħtieġ, u li nkunu kapaċi nadattaw għal dawn l-iżviluppi l-ġodda.

Il-Membru Parlamentari Miriam Dalli qalet li l-pjan biex nilħqu ekonomija li ma tniġġiżx sal-2050 irid jibda mil-lum. Spjegat kif huwa fl-interess ta' Malta u Għawdex li pajjiżna jkun minn ta' quddiem li jippjana u jipprepara għal din il-bidla, għax b'hekk pajjiżna jkollu vantaġġ kompetittiv fuq pajjiżi oħra.

"Malta tinsab f'pożizzjoni eċċellenti biex tattira investiment barrani dirett f'setturi differenti, anke għal dawk il-kumpaniji li jridu jittestjaw proġett pilota li għandu x'jasam ma' enerġija rinnovabbli u teknoloġiji ġodda. Barra minn hekk, dan ifisser opportunitajiet għal tkabbir ekonomiku u ħolqien ta' impjiegi ġodda ta' kwalità. Il-ħaddiema eżistenti wkoll ikollhom opportunità biex itejbu l-ħiliet tagħhom, bir-riżultat li jkun qed jiżdied il-livell tal-impjieg tagħhom."

Dr Dalli spjegat kif ir-reġjun tal-Mediterran huwa fost l-aktar li qed jiġi milqut mit-tibdil fil-klima. Pjan fit-tul iwassal għal opportunitajiet biex din l-isfida ssir il-mutur ta' ħolqien tax-xogħol u kwalità ta' ħajja aħjar.

Parteċipanti oħra li ħadu sehem online ma' panel ta' kelliema kienu l-Kap tad-Dipartiment għall-Kordinament tal-Unjoni Ewropea u konsulent tal-Prim Ministru għall-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea Glenn Micallef, il-President tal-Kamra tal-Kummerċ il-Perit David Xuereb, il-Kap Eżekuttiv ta' Nature Trust Malta Vince Attard, u l-Uffiċjal Internazzjonali tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ Nigel Caruana.